



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2015/2051(INI)

25.8.2015

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar it-tħejjija għas-Summit Umanitarju Dinji: Sfidi u opportunitajiet għall-assistenza umanitarja
(2015/2051(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Anna Hedh

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi bosta rapporti minn żoni ta' emerġenza u kriżi jixhdu għal abbużi kontra l-popolazzjoni ċivili, inklużi t-tfal; billi n-nisa u t-tfal huma partikolarment vulnerabbli fil-kuntest tal-vjolenza sesswali użata bħala arma;
- B. billi l-użu ta' skejjel u forom oħra ta' faċilitajiet edukattivi għal użu militari jxekkel u jillimita l-użu ta' tali faċilitajiet għall-iskop leġittimu tagħhom minn studenti u għalliema, kemm fuq terminu qasir kif ukoll twil; billi l-edukazzjoni hija waħda mill-aktar għodod importanti fil-prevenzjoni ta' forom differenti ta' diskriminazzjoni u oppressjoni;
- C. billi l-liġi internazzjonali tirrikonoxxi d-dritt għal kura tas-saħħa xierqa għall-vittmi tal-vjolenza sesswali użata f'kunflitti, bħalma huma l-prevenzjoni ta' ħsara fiżika u psikoloġika fit-tul;
 1. Jinnota li l-kriżijiet mhumiex newtrali fir-rigward tas-sessi u li l-kunsiderazzjonijiet relatati mas-sessi għandhom jiġu inklużi fl-istadji kollha ta' programmazzjoni umanitarja, bil-parteċipazzjoni ta' gruppi u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, inklużi dawk lokali u reġjonali;
 2. Jilqa' l-introduzzjoni tal-indikatur tal-kwistjonijiet tas-sessi għal programmazzjoni umanitarja; jistieden lid-donaturi biex jużaw l-indikatur tal-kwistjonijiet tas-sessi u biex jimmonitorjaw l-integrazzjoni tas-sessi fiċ-ċiklu umanitarju kollu;
 3. Jenfasizza li l-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza tgħin biex jiġi evitat iż-żwieġ bikri tal-bniet, il-vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq is-sessi, il-prostituzzjoni u t-traffikar tal-bnedmin; jilqa' l-isforzi internazzjonali fil-qafas tal-Linji Gwida għall-Protezzjoni ta' Skejjel u Universitajiet minn Użu Militari waqt il-Kunflitti Armati;
 4. Jinkoraġġixxi l-investiment fl-emanċipazzjoni tan-nisa permezz ta' appoġġ għal proġetti li jiġġeneraw id-dħul li b'mod sinifikanti jnaqqsu l-vulnerabbiltà tagħhom u jżidu l-indipendenza tagħhom;
 5. Huwa mħasseb ħafna biż-żieda tal-vjolenza sessista (GBV) f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; jistieden partijiet statali u mhux statali biex jikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom skont il-liġi umanitarja internazzjonali u normi applikabbli oħra, u biex jieħdu miżuri kontra GBV u tiġi żgurata r-responsabbiltà ta' dawk li jikkommettu reat; jikkundanna kull att ta' GBV, speċjalment minn persunal li jkun qed jaħdem taħt mandat internazzjonali;
 6. Iqis li l-persunal kollu involut fl-għoti ta' assistenza umanitarja, inklużi l-forzi tal-pulizija jew militari, għandhom jirċievu taħriġ sensitiv għad-differenza bejn is-sessi, u li kodiċi ta' kondotta strett għandu jiġi stabbilit biex jitwaqqfu milli jabbużaw mill-pożizzjoni tagħhom;

7. Jistieden lill-atturi umanitarji biex jinkorporaw strateġiji ta' prevenzjoni u mitigazzjoni ta' GBV fl-interventi speċifiċi għas-setturi kollha tagħhom u, għal dan l-għan, biex jieħdu kont tal-Linji Gwida riveduti għall-Integrazzjoni ta' Interventi ta' Vjolenza abbażi tas-Sess f' Azzjoni Umanitarja, imħejjija mir-Raggruppament ta' Protezzjoni Globali (Global Protection Cluster).